**7 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

John Piscopo *noe*

*versus*

Mario U Dolores miżżewġin Grech

**Kolonna ta' l-Injam**

*Il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn giet miċħuda talba għar-ritorn ta' kolonna ta' l-injam. Riportata prinċipalment għall-kompjetezza tal-kronaka.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fit-2 ta' Ġunju, 1982, fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fejn John Piscopo, bħala prokuratur ta' Lawrence Piscopo ħarrek lil Mario u Dolores miżżewġin Grech, biex jidhru quddiem il-Qorti msemmija u hemm jgħidu għaliex ma kellhomx jiġu kkundannati li fi żmien qsir u perentorju ffissat mill-Qorti jirritornaw kolonna ta' l-injam li huma ħadu mill-fond 37, Triq Pawla, Ħal Tarxien, u fin-nuqqas iħallsu l-valur tagħha li jilħaq tletin lira Maltija (Lm30) - bl-ispejjeż:

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-imsemmijin miżżewġin Grech ippreżentata fit-23 ta' Settembru, 1982 fejn jgħidu illi t-talba attriċi kienet infondata fid-dritt u fil-fatt għaliex ma kienx

minnu illi huma ħadu mill-fond kolonna ta' l-injam;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fid-19 ta' Lulju, 1983, fejn it-talba ta' l-attur ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu wara li dik il-Qorti kkunsidrat, fost ħwejjeġ oħra, illi bejn it-teżi ta' l-attur u dik tal-konvenuti ma kien hemm ebda preponderanza ta' waħda fuq l-oħra u li għalhekk l-attur kien naqas li jforni provi konklussivi u konvinċenti ta' dak illi kien qiegħed jallega;

Rat in-nota ta' l-appell tal-21 ta' Lulju, 1983 ta' l-imsemmi John Piscopo fil-kwalità tiegħu premessa u l-petizzjoni tiegħu ppreżentata fis-27 ta' Lulju, 1983, fejn huwa jitlob li jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu prevja r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni orali mill-Avukat Dr. George Abela li deher għall-appellati;

Ikkunsidrat illi:

In sostenn għat-teżi tiegħu l-attur jistrieħ fuq ix-xhieda mogħtija minnu stess, minn martu Michelina, u fuq dik mogħtija minn Mary Tabone u Carmela Xerri, li jaffermaw li fir-ras tat-taraġ tal-fond 37, Triq Pawla, Ħal Tarxien, fiż-żmien li kien okkupat mill-konvenut kien hemm kolonna ta' l-injam tal-kewba, li, meta l-pussess tal-fond ġie mogħti lill-attur, kienet nieqsa. Il-konvenuti xehdu li kolonna simili ma kien hemm qatt fil-fond; huma ġiebu xhieda lil Doris Xerri u lil Joseph Busuttil li qalu li qatt ma kienu innotaw xi kolonna ta' l-injam fl-ewwel tarġa tat-taraġ tad-dar;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, iż-żewġ ritratti, dokumenti A u B a

fol. 17 tal-proċess, prodotti mill-konvenuti, huma ta' importanza biex tiġi determinata l-kwistjoni jekk l-attur irnexxilux jipprova dak li qiegħed jallega. Infatti waqt li ma jistgħux jiġu skartati għal kollox il-versjonijiet tal-fatti li xehed fuqhom huwa u x-xhieda minnu prodotti għaliex dejjem jista' jkun li f'xi żmien kolonna ta' l-injam fl-ewwel tarġa tat-tarag seta' kien hemm, però l-istess attur ma ppruvax illi fil-mument meta huwa, għan-nom ta' ibnu Lawrence, xtara l-fond dina l-kolonna kienet teżisti fil-fond allura okkupat mill-konvenuti. Mix-xhieda ta' Joseph Busuttil a fol. 25 tal-proċess jidher illi l-konvenuti ivvakaw il-fond għall-ħabta tal-Milied ta' l-198?, u mix-xhieda ta' Michelina Piscopo a fol. 11 irriżulta li l-fond baqa' okkupat mill-konvenuti sa ċirka tmien xhur wara x-xiri tiegħu minn żewġha għan-nom ta' l-imsemmi binha;

Issa, mit-timbru li hemm fuq id-dar tar-ritratt dokument A, jidher li l-iżvilupp tiegħu sar f'Lulju, 1979, u minn dak ir-ritratt ma jidhirx li kien hemm kolonna fit-tarag; u mir-ritratt l-ieħor dokument B, meħud f'Awissu, 1980, ċjoè qabel ma sar il-kuntratt tal-bejgħ tad-dar (ara xhieda tal-konvenut tat-23 ta' Novembru, 1982), lanqas ma jidher li dak iż-żmien kien hemm xi kolonna fit-tarag. Il-Qorti tħoss li għandha tosserva li għalkemm fuq id-dar ta' l-istess ritratt hemm miktub il-kliem "*14 years 3-8-80*", il-Qorti mhix sodisfatta illi dawk il-kliem inkitbu fi żmien viċin għal dak meta ttieħed l-istess ritratt, anzi jidher illi dawn il-kliem x'aktarx inkitbu fl-okkażjoni meta nħass il-bżonn li r-ritratt jiġi esebit il-Qorti (u r-ritratt ġie esebit fit-23 ta' Novembru, 1982): għalhekk ebda indizju ma qiegħed jiġi miġbud minn dina ċ-ċirkostanza;

Minn danakollu, għalhekk, ma jidhirx illi, fil-mument tal-bejgħ tal-fond imsemmi aktar 'il fuq kien hemm fit-tarag tiegħu kolonna ta' l-injam kif jippretendi l-appellant:

Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imsemmi John Piscopo fil-kwalità tiegħu indikata u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fid-19 ta' Lulju, 1983, fil-kawża fl-ismijiet imsemmija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.